**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 705/97

Joseph Bonanno

vs

Direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura

Illum 7 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' wara Mejju 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li gie vittimizzat u ma nghatax cans li jahdem l-overtime;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi, ir-rikorrent kien gie "seconded" mill-Korp tal-Pulizija, wara li kien weggha waqt li kien qed jaqdi dmiru fil-Korp tal-Pulizija. Illi ir-rikorrent kien mar jahdem mal-Kummisjoni Elettorali u aktar tard mad-dipartiment tat-Tezor. Illi wara tliet xhur ir-rikorrent gie trasferit

ghal mad-Dipartiment tal-Agikoltura, il-Pitkalija fejn huwa kien jaghmel xoghol klerikali. Illi ir-rikorrent dejjem ghamel xogholu sewwa u bl-akbar responsabilita'

Illi r-rikorrent gewwa l-Pitkalija beda jigi vittimizzat minn certu Paul Hili (A.O.) u sahansitra darba minnhom ir-rikorrent ma inghatax leave biex isiefer minhabba mard u dan minhabba l-imsemmi Hili. Illi ir-rikorrent f'din l-okkazzjoni kien inghata "Charge" u dan ghaliex huwa kien hareg fuq is-sick leave. Illi anke ir-rikorrent ma kienx qed jinghata opportunita' li jaghmel "overtime" bhal ma kienu jaghmlu shabu fuq ix-xoghol;

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda kollha indikati f'dan ir-rikors;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura li eccepixxa:
Illi preliminarjament ir-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra ir-rikorrent stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat

bl-istess rikors u dan ai termini tal-artikolu 181(B)(3) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konsiderazzjoni tal-ilment tar-rikorrent taqa’ barra l-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** stante illi l-fatti allegati fir-rikors promotur ma jaqghux taht l-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ir-rikorrent irid jispecifika d-dettalji ta’ dak li qed jallega.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu dan li gej xi jghid:

Illi dwar l-allegazzjoni illi r-rikorrent gie vittimizzat u michud milli jaghmel ***overtime*** ir-rikorrent qatt ma ghamel ilmenti lis-Superjuri tieghu.

Illi rigward il-passi dixxiplinarji li ttiehdu kontra r-rikorrent dan ta’ l-ahhar ma nstabx hati u ghalhekk l-akkuza fil-konfront tieghu waqghet.

Ghaldaqstant l-intimat talab illi fl-ewwel lok it-Tribunal joghgbu jiddijara illi ma ghandux gurisdizzjoni ***ratione materiae*** u fit-tieni lok jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, kif jidher car mir-riferta tal-Marixxal a fol 1 tergo l-Avukat Generali gie notifikat u ghalhekk din m'ghadiex applikabbli.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' li l-ilment tar-rikorrent jaqa' barra l-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** stante illi l-fatti allegati fir-rikors promotur ma jaqghux taht l-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997 jinghad li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda:

1. Illi r-rikorrent gewwa l-Pitkalija beda jigi vittimizzat u ma inghatax leave biex isiefer minhabba mard;
2. Illi anke ir-rikorrent ma kienx qed jinghata opportunita' li jaghmel "overtime" bhal ma kienu jaghmlu shabu fuq ix-xoghol.

Ikkunsidra li fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 it-Tribunal ghamel ezami tad-diversi aspetti li jaqghu fil-kompetenza tieghu u qal hekk:

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn

ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li

gejjin:..”  u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv.  Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa  u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici…L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami.  Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi….

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta’ Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta’ Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta’ allowances mhux konnessi ma’ xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta’ Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta’ Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances”, fil-kaz ta’ George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta’ Malta deciz fit-28 ta’ Ottubru, 1998 fil-parti li kienet  tikkoncerna l-ghoti ta’ medalja, fil-kaz ta’ Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta’ Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta’ Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta’ hlas ta’ paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Issa fil-kaz in ezami l-ilmenti jirrigwardaw nuqqas ta' ghoti ta' leave u nuqqas ta' overtime. Dawn ma huma elenkati imkien fl-Att. Kien hemm okkazzjonijiet rari meta dan it-Tribunal laqgha talba fuq overtime izda dan minhabba li din kienet konsegwenza diretta dovuta ghall-fatt li l-overtime ma inghatax minhabba transfer jew hatra u ghalhekk kien fattur konness.

Fil-kawza fl-ismijiet "Debono Charles vs Direttur Generali tal-Edukazzjoni" deciza fid-9 ta' Gunju, 2000 it-Tribunal sostna li ma hux kompetenti "ratione materiae" biex jezamina kazijiet ta' ilmenti dwar hlas ta' arretrati ta' paga, overtime u allowances jekk tali nuqqas ma jkunx konsegwenza li bniedem gie imcahhad minn hatra jew gie trasferit ingustament. Dwar Overtime hemm ukoll fost ohrajn il-kaz ta' "Mizzi Alessio vs Ufficjal inkarigat mill-Ufficju Elettorali" deciza fl-24 ta' Jannar 2001.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni li t-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae.***

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.